MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-28 ta' April, 2003

Citazzjoni Numru. 76/1994/2

**Av. R. Cefai ghal Formosa & Camilleri Ltd agenti ta' Guardian Royal Exchange PLC, kif surrogati fil-ligi u fil-polza fid-drittijiet ta' l-assigurat taghhom John Formosa, u l-istess John Formosa f'ismu**

**Vs**

**David Ciantar**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih l-attur *nomine et* premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni;

Premess illi l-vettura F-1421 hija proprjeta` ta' l-assigurat u assiguarata *comprehensive* ma' l-attur hlief ghal Lm40 (erbghin lira) *excess*;

Premess illi fl-1 ta' Novembru 1993 gol-Marsa waqt li l-konvenut kien qed isuq truck trailer O-7799 kkaguna incident mal-vettura F-1421 misjuqa minn Michelle Cassar u kkagunalha hsarat kbar;

Premess illi ghal dan l-incident kien unikament responsabbli l-konvenut minhabba negligenza u nonosservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tieghu biss;

Premess illi in vista ta' dina l-habta l-konvenut ikkaguna danni fuq il-vettura F-1421 fl-ammont ta' Lm1710 (elf, seba' mija u ghaxar liri) biex wara li gabar Lm40 *excess* gie li sofra Lm1670 (elf, sitt mija u sebghin lira) danni u issa jinsab surrogat fid-drittijiet ta' l-assigurat tieghu ghal dan l-ammont;

Premess illi l-assigurat hallas Lm40 *excess* minn butu;

Premess illi nterpellat ihallas, il-konvenut baqa' inadempjenti;

Talab ghalhekk l-attur *nomine et* lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghall-incident stradali fuq imsemmi u ghar-ragunijiet hemm citati;

2. Tillikwida d-danni fl-ammont komplessiv ta' Lm1710 (elf, seba' mija u ghaxar liri) jew somma ohra verjuri li tillikwida dina l-Qorti jekk jintieg bin-nomina ta' periti, kwantu ghal Lm1670 (elf, sitt mija u sebghin lira ) sofferti mill-attur u ghal liema somma issa jinsab surrogat fid-drittijiet ta' l-assigurat tieghu; u kwantu ghal Lm40 sofferti mill-assigurat;

3. Tikkundanna lill-konvenut ihallas dik is-somma hekk likwidata in linea ta' danni;

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 3 ta' Dicembru 1993 u bl-imghax tat-8% fuq Lm1710 mid-data ta' din ic-citazzjoni sal-hlas effettiv kontra l-konvenut;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess attur *nomine et* u l-lista tax-xhieda minnu indikati;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut illi fiha huwa eccepixxa:-

1. Illi d-domandi attrici huma infondata fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu rigettati bl-ispejjez stante li l-kawza prossima tal-kollizzjoni mhux is-sewqan tieghu izda ta' driver l-iehor u cioe` tad-driver ta' l-assigurat ta' l-attur;

2. Salvi eccezzjonijiet ohra;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess konvenut u l-lista tax-xhieda minnu indikati;

Rat id-digriet tal-25 ta' April 1994 li permezz tieghu gie nominat Dr. Joseph Azzopardi bhala espert tat-traffiku biex, wara li jambjenta ruhu mal-lokalita` ta' l-incident u b'hekk ikun aktar f'qaghda li aktar jistharreg il-kaz u wara li jiehu konjizzjoni ta' l-eccezzjonijiet, ifittex u jirrelata dwar il-fondatezza tad-domandi attrici u jaghmel l-osservazzjonijiet kollha li ghandhom x'jaqsmu mal-kaz u occorrendo jillikwida d-danni;

Rat ir-relazzjoni ta' l-imsemmi espert gudizzjarju li tinsab a fol. 27 *et sequitur* tal-process u li giet minnu debitament konfermata fl-udjenza tat-13 ta' Mejju 1997;

Rat in-noti pprezentati mill-partijiet wara l-konferma tar-relazzjoni;

Rat l-atti kollha tal-process.

Ikkonsidrat:-

Ghal dawk li huma provi ta' kif sehh l-incident f'dan il-kaz ghandna l-versjonijiet taz-zewg sewwieqa nvoluti;

Jirrizulta li l-habta saret fejn hemm il-kumpless tal-Malta Shipbuilding. Is-sewwieqa Michelle Cassar li kienet qed issuq il-vettura lilha mikrija u assigurata mal-kumpanija attrici kienet fit-tieni *lane* mix-xelluq ta' l-imsemmi kumpless, dak immarkat B'Bugia, u riedet tmur fid-direzzjoni li mit-telgha ta' l-Addolorata taghti ghal Santa Lucia. Invece l-konvenut li kien qed isuq trukk-trailer kien fit-tielet *lane*, dejjem mix-xellug, u ried imur fid-direzzjoni tal-Habs, Rahal Gdid;

Jirrizulta illi waqt li kienet ghadha fil-karreggjata taghha l-vettura misjuqa minn Michelle Cassar giet investita mir-rota ta' wara tat-trailer. Hi tghid li fl-ebda mument il-konvenut ma wera b'sinjal jew bl-*indicator* li kien ser jitraversa t-triq biex imur fid-direzzjoni ntenzjonata minnu;

Minn dak rakkontat minn PS552 Francis Barbara (Seduta 7 ta' April 1995) jirrizulta illi s-sewwieq tat-truck wara l-impatt baqa' ghaddej u waqaf biss ghaliex bdew jghajtu n-nies;

Dawn huma l-provi orali kollha rizultanti mill-atti f'dan il-process. Mill-kumplament jezistu l-iskizz, l-okkorrenza u s-*survey report*. Dawn ukoll huma mezzi probatorji qawwija hafna f'incidenti ta' din ix-xorta in kwantu jillustraw mhux biss id-dinamika ta' l-incident izda jikkompletaw il-kwadru ta' l-elementi accertati ghal fini tad-determinazzjoni tal-'kolpa' ghall-kollizzjoni;

Huwa infatt indikattiv mill-posizzjoni tal-vetturi wara l-incident li l-vettura misjuqa minn Michelle Cassar baqghet fil-kareggjata taghha. Hu daqstant ovvju wkoll illi l-vejikolu misjuq mill-konvenut ikkavalla din il-kareggjata minn fejn kienet ghaddejja Michelle Cassar f'posizzjoni kwazi parallela mat-trukk. Difficilment ghalhekk wiehed jista' jikkoncilja t-tezi ventilata mill-konvenut fin-Nota ta' Kritika

ghar-relazzjoni peritali illi d-driver tal-*car* messha kienet attenta biex tippermettilu jaghmel il-manuvra li ried jaghmel. Dan, aktar imbaghad, fid-dawl ta' l-istqarrija ta' Michelle Cassar illi "meta rajtu jersaq lejja waqaft pero` hu baqa' ghaddej u laqatni bir-rota ta' wara.";

Id-determinazzjoni tar-responsabilita` tohrog minn indikaturi ta' fatt marbuta mat-topografija ta' fejn sehh l-incident kif ukoll mill-iskizz li jistabilixxi l-mod kif sehh l-istess incident;

Il-fatt li l-konvenut kien qed jghaddi minn *lane* ghall-ohra fil-"*flow of traffic*" hekk qawwi f'dik il-lokalita` juri li hu ma kienx qed izomm dik il-kawtela mehtiega qabel ma ddecieda biex jitraversa minn *lane* ghall-ohra. Il-prudenza, imbaghad, kienet tiddettalu illi jekk kien intenzjonat li jmur fid-direzzjoni li xtaq imur messu haseb ghal dan minn qabel ma jasal fil-vicinanzi tar-*roundabout* u mhux *ex abrupto* jibdel ir-rotta minghajr dak il-hsieb diligenti dettat mic-cirkostanzi illi b'din il-manuvra seta' jkun ta' hsara ghas-sewwieqa ohra, kif hekk sfortunatament issuccieda. Dik il-parti tat-triq kellha certament tiggwida l-kondotta tieghu fis-sewqan u tiddettalu l-massima prudenza, partikolarment meta kien qed jiggwida vejikolu ta' certu dimensjoni;

Il-Qorti ghalhekk tikkonkorda pjenament mal-perit legali fejn fir-relazzjoni tieghu (fol. 30) irrileva li l-konvenut ma kienx qed izomm "*a proper look out*";

Ma' l-osservazzjonijiet tal-gharef perit il-Qorti tista' izzid ukoll dan il-punt. Id-daqqiet infushom fuq il-*car* li f'dak il-mument kienet qed issuq Michelle Cassar huma wkoll indikattivi tal-fatt illi s-sinistru sehh bi htija tal-konvenut. Daqqiet li din il-*car* soffriet l-aktar fuq il-parti ta' wara taghha, kif muri mis-*survey report*, u li rrendewha "*total wreck*";

Bhal f'dal-kaz jirrizultaw sitwazzjonijiet ta' prova certa fejn il-fatti dannuzi juru l-impronta tal-htija, b'mod li min ikun ipprova dawk il-fatti ghandu jinftiehem li pprova anke l-htija. Li jfisser allura li jkun dover ta' min ikun kagun ta'

dawk il-fatti li jipprova li hu ma kellux htija f'dak li gara. Il-konvenut ma rnexxielux jaghmel prova bhal din. Konsegwentement ghandu jbati l-konsegwenza tal-manuvra nkonsulta tieghu u ta' l-event dannuz riportat.

Ghal dawn il-motivi;

Taqta' u tiddeciedi l-kawza billi tilqa' l-ewwel talba attrici u tiddikjara li l-konvenut hu responsabbli ghall-incident stradali li sehh fl-1 ta' Novembru 1993;

Tilqa' t-tieni domanda u tiddikjara li l-ammont komplessiv tad-danni, li ma giex kontestat, hu ta' elf sitt mija u sebghin lira Maltija (Lm1670);

Tilqa' t-tielet talba u tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' elf sitt mija u sebghin lira Maltija (Lm1670), bl-interessi mit-3 ta' Dicembru 1993, data ta' l-ittra ufficjali.

L-ispejjez kollha tal-kawza jibqghu a karigu tal-konvenut.

--------------------------------TMIEM--------------------------------